# Id-Devozzjoni Lejn il-Madonna Tas-Sacro Cuor Fid-Dinja u F'Malta



Ħafna jaħsbu illi t-titolu tal-Madonna tas-Sacro Cuor huwa magħruf biss fi-Parroċċa tagħna. Hawnhekk, ser naraw kif bdiet u xterdet din id-devozzjoni Marjana.

**Fi Franza u F'Ruma**

Fil-belt ċkejkna ta' Issoudum, fi Franza, żewġ saċerdoti, Giulio Chevalier u Maugemart, fl-1854 riedu jwaqqfu opra missjunarja biex ixerrdu fost il-poplu d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Wara li Pere Chevalier laħaq l-iskop tiegħu, billi waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù, ried li jonora wkoll lill-Madonna li tant għenitu fl-opra tiegħu. Imnebbaħ mis-sema, Pere Chevalier mar iqim lil Marija bit-titlu ta' Sinura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù. Din id-devozzjoni xterdet bil-ħeffa, u fl-1872 daħlet Ruma. IL-Papa Leone XIII ċeda lill-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù, il-knisja antika ta' San Ġakbu fi Pjazza Navona u f'qasir żmien din il-knisja saret iċ-ċentru ta' din id-devozzjoni Marjana f'Ruma.

Fl-1954, il-Kardinal Klemente Micara, delegat tal-Papa Piju XII inkuruna solennement din ix-xbieha. Sa llum f'dan is-Santwarju d-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor għadha ħajja, kif jistgħu jixhdu dawk kollha li kellhom l-okkażjoni li jżuruh.

**F'Malta u Għawdex**

L-egħruq ta' din id-devozzjoni Marjana waslu wkoll f'dawn il-Gżejjer. Fl-1874 twaqqfet il-Konfraternità tal-Madonna tas-Sacro Cuor fil-Parroċċa tal-Furjana. Wieħed mill-artali tal-ġnub ġie ddedikat lilha u l-pittur Taljan Pietro Gagliardi (1809 – 1890) pitter il-kwadru tagħha. Saret ukoll statwa li tirrappreżenta lill-Madonna bilwieqfa turi lil Ġesù li wkoll jidher bilwieqfa juri l-Qalb Divina Tiegħu.

Sena wara din id-devozzjoni daħlet fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u hawn ukoll twaqqfet il-Konfraternità tagħha. Maż-żmien saret statwa, magħmula mill-istatwarju Karlu Darmanin (1825 – 1904) u f'Ħadd it-Trinità kienet issirilha festa kbira f'din il-parroċċa. Din il-konfraternità kienet inkarigat lill-pittur Ġużeppi Calì (1846 – 1930) biex ipitter kwadru ovali li wara tpoġġa fuq l-artal tal-Kurċifiss. Dan baqa' hemm sa l-1949 meta l-pittur Taljan Giovanni Battista Conti pitter il-kwadru li għadu jidher sal-lum. Billi fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Ħaż-Żabbar, it-tfal kienu jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, iż-Żabbarin kienu jsibu din il-festa bħala l-"Festa tad-Dutrina".

Fiż-Żejtun id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor daħħlitha n-Nobbli Sinjura Margerita dei Conti Manduca billi minn flusha bniet knisja

ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titolu. Din il-knisja ġiet imbierka fil-31 ta' Mejju 1881 u, skond ix-xewqa tal-fundatriċi, hija ġiet midfuna f'din il-knisja. Maż-Żwieten din il-knisja hija magħrufa bħala "l-Knisja tas-Sinjura".

Fl-istess żmien daħlet din id-devozzjoni wkoll fil-belt ta' l-Isla billi twaqqfet konfraternità li kienet attiva ħafna. Il-membri tagħha ħadu ħsieb li jagħmlu statwa tal-Madonna li din tpoġġiet f'niċċa sabiħa tal-fidda li tpoġġiet fuq wieħed mill-artali tal-ġnub. Dan l-artal huwa wkoll imżejjen b'terħa tal-bellus, sett kartelli tal-Glorja tal-fidda u ventartal sabiħ magħmul ukoll mill-fidda, disinn ta' Mikiel Degiovanni.

Fil-Parroċċa ta' Ħ'Attard din id-devozzjoni daħħalha l-Kappillan Dun Ġwann Bonniċi li dam Kappillan f'dan ir-raħal mill-1876 sa l-1887. Minn flusu għamel l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor maħduma għand l-istatwarju Karlu Darmanin. Id-devozzjoni qabdet mill-ewwel u l-Kappillan Bonnici waqqaf għaqda ad unur tagħha u bid-digriet ta' l-Arċisqof Scicluna ġiet magħquda ma' dik tal-Furjana. Fil-Parroċċa tinsab relazzjoni ta' l-imsemmi Kappillan dwar din id-devozzjoni li tgħid li f'inqas minn disa' snin kien hemm diġà 596 miktuba. Numru kbir għal dawk iż-żminijiet! Il-ġbir li l-Kappillan kien jagħmel fix-xahar ta' Mejju kien imur għall-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor li f'Ħ'Attard kienet u għadha magħrufa bħala is-"Sultana". L-istess Kappillan kull sena beda jagħmel festi ad unur ta' din il-Madonna. Kienet tinġieb il-banda, issir mixegħla ġenerali, logħob tan-nar u fil-knisja kienu jinġiebu l-aħjar predikaturi u l-mużika kienet tkun armata. Maż-żmien, il-festa tas-Sultana tant kienet kibret li għal ftit ma qamx partit ieħor f'din il-Parroċċa.

Kwadru tal-Madonna tas-Sacro Cuor insibuh ukoll fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Sant'Elena, Birkirkara. Hu kwadru żgħir impitter minn Ġużeppi Bonnici, l-istess pittur li kien pitter il-kwadru titulari tal-Parroċċa tagħna u li kien tneħħa u nbidel mal-kwadru preżenti fis-snin tletin.

Statwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor insibuha wkoll fil-kappella tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja, Santa Venera. Hi statwa żgħira maħduma l-Italja.

Maż-żmien din id-devozzjoni daħlet ukoll fi knejjes oħra bħal dik tal-Mellieħa fejn insibu wieħed mill-kwadri laterali tax-xellug iddedikat lil Madonna tas-Sacro Cuor; fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt insibu statwa fuq in-naħa tal-lemin tal-bieb maġġur; fil-knisja tal-Vitorja Birkirkara nsibu statwa tal-kartapesta magħmula minn Ġużeppi Cilia u fl-Istitut imwaqqaf minn Tereża Nuzzo fil-Ħamrun insibu kwadru sabiħ mogħti mill-Monsinjur Robert Caruana Gatto.

Fil-Knisja parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun, kien hemm ukoll statwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, iżda minħabba xi nkwiet din ġiet mibdula għal Madonna tar-Rużarju. Hi xogħol sabiħ ta' Karlu Darmanin u meta wieħed jifliha sew jinduna li Darmanin kellu quddiemu l-istatwa titulari tal-Parroċċa tagħna għax hemm ħafna xebh.

F'Għawdex ukoll daħlet id-devozzjoni u x-xbihat tal-Madonna tas-Sacro Cuor insibuhom ukoll fil-knejjes ta' l-Imġarr, is-Sannat, il-Qala u fil-

knisja ewlenija tas-Sorijiet Franġiskani tar-Rabat li hija ddedikata lill-Madonna tas-Sacro Cuor.

Fit-toroq ta' Malta nsibu wkoll diversi niċeċ bl-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. L-ewwel waħda nsibuha fi Triq Santa Katerina l-Imqabba mal-ħajt l-ieħor tal-kappella ta' Santa Katerina. Hi niċċa miżmuma tajjeb.

Niċċa oħra miżmuma tajjeb insibuha f'kantuniera bejn Triq id-Dejqa u Triq Sant'Elena. Fuq dar nru. 3 Triq Nejder Ħal-Kirkop niltaqgħu ma' niċċa u statwa sbieħ tal-ġebel. Sew fuq in-niċċa u sew fl-istatwa wieħed josserva xogħol sabiħ u dettaljat fil-ġebla.

F'Tas-Sliema nsibu erba' niċeċ. L-ewwel waħda nsibuha fi Sqaq Sant Elija. Hi niċċa ta' l-injam, riproduzzjoni ta' l-istatwa titulari.

Replika ta' l-istatwa titulari hi l-istatwa li naraw f'niċċa fuq dar nru. 113 Triq Rudolfu. Statwa sabiħa tal-Madonna tas-Sacro Cuor insibuha f'kantuniera bejn Triq San Vinċenz u Triq San Lawrenz. Għalkemm m'hix fil-limiti tal-Parroċċa tagħna, hi niċċa miżmuma tajjeb ferm u fuq kollox artistika.

L-aħħar niċċa tinsab f'kantuniera bejn Triq il-Karmnu u Triq San Ġwann Battista. In-niċċa hi qadima iżda l-istatwa hi xogħol magħmul f'dawn l-aħħar snin.

Iżda bla dubju ta' xejn iċ-ċentru tad-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor jinsab fil-knisja parrokkjali tagħna li taf il-bidu tagħha fi tmiem is-seklu l-ieħor permezz tal-ħidma ta' Dun Pawl Vella. Maż-żmien dak li ħawwel dan it-twajjeb qassis kiber u għalhekk fl-1918 il-knisja saret parroċċa mill-Arċisqof Mauro Caruana.

Hu xieraq li din id-devozzjoni nkomplu nkabbruha, inżommuha u ngħadduha lil dawk ta' warajna.

**Tony Terribile.**


HONEYHOMES
Furniture Ltd.

SHOWROOM:

VALLEY ROAD MSIDA. TEL: 440749

FACTORY:

INDUSTRIAL ESTATE, ATTARD. TEL: 488602

**LEADING QUALITY FURNITURE MANUFACTURERS**